FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR PHILIP MANDUCA LL.D

## Seduta ta' nhar It-Tnejn 10 ta' April , 2002

**Avviz Nru:1360/01 PM**

**Eurocraft Ltd.**

**Vs**

**J.Piccinino Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Elf Lira Maltin rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ezegwit fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta;

Ra li s-socjeta' konvenuta pprezentant nota spjegattiva bl-Ingliz, Dok.A, mar-risposta;

Ra x-xhieda ta' Sandro Pecorella u ta' Stephen Muscat prodott mis-socjeta' attrici u ra x-xhieda ta' Carmen Piccinnino mis-socjeta' konvenuta;

Skond Sandro Pecorella s-socjeta' attrici kienet accettat li taghmel ix-xoghol mitlub mis-socjeta' konvenuta (u Cioe' li jaghmlu slots fill-kxaxen) u dan anki jekk dan ma kienx inkluz fl-ordni originali. Sandro Pecorella qal li x-xoghol kollu kien sar u kien sar tajjeb. Hu kien qed jistenna lis-socjeta' konvenuta taghtih data meta setgha jaghmel l-slots in kwistjoni izda s-socjeta' konvenuta naqset li taghtih risposta;

Skond Carmen Piccinino s-socjeta' konvenuta riedet li l-hwienet ikunu kollha l-istess u dan kin l-ordni tas-socjeta' konvenuta. Carmen Piccinnio qalet ukoll li malli rat il-kxaxen kienet ilmentat ma' Stephen Muscat dwar in-nuqqas ta' slots u Stephen Muscat qal li kien se jirrangala izda wara ma giex u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kellha taghmel is-slots hi. Carmen Piccinino qalet li s-socjeta' konvenuta qetghet is-slots fill-kxaxen xi sitt xhur wara li dawn gew installati;

Carmen Piccinino ikkonfermat li Sandro Pecorella kien kiteb lis-socjeta' konvenuta li kien gie ukoll fill-hanut, pero' cahdet li Pecorella kien cemplilha biex isir appuntament sabiex s-socjeta' attrici taghmel l-slots;

Ikkunsidrat li l-invoice in kwistjoni li saret fill-31 t'a Marzu, 1997. Gew ezebiti ittri datati 20 ta' Settembru, 2000 u 25 ta' Lulju, 2001. Carmen Piccinino qalet li ma kienetx irceviet l-ewwel ittra;

It-Tribunal jinnota li ghalkemm fl-ittra tal-25 ta' Lulju, 2001 is-socjeta' giet mitluba taghmel appuntament mas-socjeta' attrici u hemm dijkjarazzjoni fis-sens li jekk tonqos li tirrispondi, "then we must consider the works to be complete and satisfactory from your behalf", s-socjeta' ma kienetx irrispondiet ghal din l-ittra.

Illi skond l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili jekk is-socjeta' konvenuta ma kienetx kuntenta bix-xoghol setghet tittermina l-kuntratt u thallas dak l-ammont dovut in konnessjoni max-xoghol u spejjes tas-socjeta' attrici. Jidher li s-socjeta' konvenuta ilmentat dwar in-nuqqas ta' slots izda qatt ma hadet passi hlief li, minghajr ma avzat lis-socjeta' attrici ghamlet xi xoghol hi. Illi skond is-socjeta' konvenuta l-istess socjeta' damet tistenna lis-socjeta' attrici taghmel x-xoghol rimedjali izda fl-ahhar ghamelt ix-xoghol hi;

Illi ma hemmx qbil dwar jekk kien hemm ftehim li l-kxaxen ikunu bi slots izda jidher li s-socjeta' attrici kienet accettat li taghmlilhom u kitbet zewg ittri sabiex jigi ffissat appuntament sabiex isiru dawn is-slots. Is-socjeta' konvenuta tghid li kienet diga' ghamlet dawn l-slots hi. Ma giex ippruvat meta s-socjeta' konvenuta spiccat ix-xoghol. Skond Stephen Muscat is-socjeta' konvenuta bdiet tilmenta biss xi disa'xhur wara li nstallaw il-kxaxen;

Illi jekk s-socjeta' konvenuta me kienetx kuntenta bix-xoghol kellha tagixxi u mhux semplicement izzom lura pagament ta' elf Lira Maltin (Lm1000). It-Tribunal jinnota s-segwenti fatti: li s-socjeta' konvenuta ma hadet l-ebda passi legali fil-konfront tas-socjet'a attrici, li ma kitbet ebda ittra bl-ilment taghha. Li naqset li tirrispondi ghal ittri (Jew ittra) li nkitbu lilha, li ghamlet ix-xoghol ta' "slots" hi minghajr ma taghat avviz lis-socjeta' attrici;

Illi huwa veru li s-socjeta' attrici kienet accettat li taghmel is-slots hi. Illi certament dan ma jfissirx li s-socjeta' konvenuta ghandha dritt li ma thallasx l-ammont ta' elf Lira maltin (LM1000).

Illi ghalhekk it-Tribunal se jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas biss disa' mitt Lira (Lm900) lis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-kosiderazzjoniojiet fuq imsemmija t-Tribunal **jilqa' t-talba attrici** kif fuq spjegat u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas Lm900 bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. Blispejjes kontra s-socjeta' konvenuta.

**Dr.Philip Manduca L.L.D.**

**Gudikatur**